**QORTI TA’ L-APPELL KRIMINALI**

**IMĦALLEF**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI LL.D.**

**Seduta tad-9 ta’ Ottubru 2015**

**Appell Numru 385/15G**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Frank A. Tabone)**

**v.**

**Melissa Grima**

**Il-Qorti**:

1. Rat l-akkużi dedotti kontra Melissa Grima, detentriċi tal-karta tal-identità bin-numru 391197M quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali talli:

   Nhar is-16 ta’ Jannar, 2015 għal-ħabta tas-18:00hrs f’dawn il-gżejjer, meta ordnata permezz ta’ digriet 52/2012 JD mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) tat-2 ta’ Awwissu, 2012 sabiex tagħti aċċess tal-bint minuri Yanika ta’ 7 snin lill-missiera John Sultana taht il-kustodja tagħha, irrifjutat li tagħmel dan.

2. Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali, tas-16 ta’ Lulju, 2015, fejn il-Qorti, wara li rat l-artikolu 338(ll) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta sabet lill-imputata ħatja skond l-imputazzjoni miġjuba kontra tagħha u kkundannata ghal-xahrejn detenzjoni u ordnat li l-ismijiet kollha tal-persuni nvoluti f’din il-kawża m’ghandhomx jiġu ppublikati f’xi mezz tax-xandir jew tal-istampa biex tkun protetta l-minuri Yanika.

3. Rat ir-rikors tal-appell ta’ Melissa Grima ppreżentat fir-reġistru ta’ din il-Qorti fl-24 ta’ Lulju, 2015, fejn talbet lil din il-Qorti jogħġobha tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata u tiddikjaraha mhux ħatja u tilliberaha minn kull

ħtija u piena u subordinatament u minghħajr preġudizzju għall-ewwel talba f'każ ta' konferma ta' ħtija, illi timmodfika l-piena nflitta għal waħda aktar fil-minimu u li tkun ekwa u ġusta fiċ-ċirkostanzi tal-każ.

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża nklużi l-provi kollha prodotti quddiem l-ewwel Qorti fosthom l-*affidavits* tax-xhieda u d-dokumenti esebiti, semghet lil John Sultana u lill-imputata appellanti Melissa Grima, semgħet lill-partijiet jittrattaw l-appell:

**5.** Il-fatti jistgħu jiġu riassunti kif ġej:

Permezz ta‘ kuntratt pubbliku fl-atti tan-nutar Anna Maria Mizzi l-imputata appellanti u John Sultana fost affarijiet oħra rregolaw ir-relazzjonijiet ta‘ bejniethom in kwantu jirrigwarda l-kura u l-kustodja ta‘ binthom minuri Yanika billi ftehmu li l-istess kura u kustodja għandha tkun konġunta bejniethom. Ftehmu wkoll li binthom għandha tibqa‘ tgħix mal-imputata filwaqt li missierha John Sultana jkollu aċċess għaliha fix-xhur tax-xitwa u ċioè minn Ottubru sakemm tispiċċa l-iskola bil-vaganzi tas-sajf bil-frekwenza u fil-ġranet mfissra fl-istess kuntratt, fix-xhur tas-Sajf ukoll bil-frekewenza u fil-ġranet mfissra fl-istess kuntratt, u fil-festi tal-Milied u l-ewwel tas-sena, fi żmien il-Għid u fi ġranet jew zmien partikolari oħrajn ukoll kif pattwit fl-istess kuntratt. Il-minuta tal-istess kuntratt ġiet approvata mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni tal-Familja b'digriet tat-2 ta‘ Awwissu 2012 u li awtorizza lill-partijiet jipproċedu għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt u għall-iffirmar tiegħu.

Fis-16 ta‘ Jannar 2015 John Sultana mar fir-residenza tal-imputata biex jeżerċita d-dritt tiegħu ta' aċċess billi jiġbor lil bintu iżda dan ma ġarax u kellu jitlaq mingħajrha.

**Ikkunsidrat:**

**6.** L-aggravji tal-appellanta jikkonsistu sostanzjalment fis-segwenti:

1) Illi l-fattispeċi tal-każ ma jinkwadrawx ruħhom fl-akkuża kif formulata għaliex waqt li l-imputazzjoni tipprevedi li l-imputata rrifjutat tagħti aċċess lil John Sultana għal bintu "meta ordnata permezz ta' digriet 52/2012JD mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) tat-2 ta' Awissu 2012" l-istess digriet ma kienx jagħti tali ordni u fir-realtà l-modalitajiet tal-aċċess jirriżultaw mill-kuntratt li ġie ffirmat xhur wara d-digriet imsemmi;

2) Apprezzament korrett tal-fatti kellu jwassal għall-konklużjoni li l-elementi tar-reat ma jirriżultawx pruvati;

3) L-Qorti injorat il-fatt li kien hemm raġuni valida għaliex il-bint irrifjutat li tmur ma missierha konsistenti fil-fatt li kellha impenji extrakurrikulari li solitament dejjem tattendi għalihom waqt il-ħin partikulari li fih kien hemm l-aċċess.

4) Anki kieku kellha tinsab ħtija fl-imputata il-piena li ġiet mogħtija hija ħarxa wisq tenut kont tal-fatt li ingħatat l-ogħla piena li setgħet tingħata għall-kontravvenzjonijiet meta din kienet l-ewwel okkażżjoni li l-imputata nstabet ħatja li naqset milli tagħti l-aċċess, l-imputata għandha fedina penali nadifa, hija omm ta' tarbija ta' erba' xhur apparti li hi omm tal-minuri in kwistjoni ta' 8 snin, u taħdem bħala learning support assistant ma' minuri bi bżonnijiet speċjali li tiġi preġudikata bl-assenza tagħha.

**Ikkunsidrat**

**7.** In kwantu għall-**<u>ewwel aggravju</u>**, l-appellanti kjarament għandha pienament raġun. Ir-reat dedott kontra l-appellanti ġie dedott mill-prosekuzzjoni bħala li jikkonsisti filli l-imputata irrifjutat tagħti aċċess għall-bint minuri Yanika lill-missierha "meta ordnata permezz ta' digriet 52/2012 JD mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) tat-2 ta' Awwissu, 2012." Kif jirriżulta mill-atti, id-digriet imsemmi ma ta ebda ordni lill-imputata sabiex tagħti aċċess għall-minuri Yanika lill-missierha. Kull ma għamel dak id-digriet hu li <u>awtorizzat</u> lill-imputata u lil John Sultana jipproċedu għall-pubblikazzjoni u ffirmar tal-kuntratt relattiv.

**8.** Il-kontravvenzjoni li biha ġiet imputata l-appellanti tipotizza żewġ sitwazzjonijiet fl-alternattiv u ċioè "meta ordnat jew ordnata mill-qorti jew kif marbut jew marbuta bil-kuntratt biex jagħti jew tagħti aċċess lil wild taħt il-kustodja tiegħu jew tagħha". Il-prosekuzzjoni għażlet li tillimita l-imputazzjoni għall-allegazzjoni li l-imputata ma qagħditx għall-ordni tal-Qorti biex tagħti

aċċess lil wild taħt il-kustodja tagħha meta tali ordni ma kienx hemm. Għalhekk ir-reat kif dedott qatt ma seta' jirriżulta. Setgħet irriżultat l-ipotesi l-oħra prevista mil-liġi u ċioè li l-imputata naqset milli tagħti aċċess lill-wild "kif marbuta bil-kuntratt biex tagħti aċċess lil wild taħt il-kustodja tagħha" iżda din l-ipotesi ma ġietx dedotta fl-imputazzjoni, u anqas ntalbet u ġiet konċessa xi korrezzjoni tal-imputazzjoni f'dan is-sens meta fil-kors tal-proċeduri kien qiegħed jirriżulta d-digriet tal-qorti ċitat fl-imputazzjoni ma kien jagħti ebda ordni bħal dak allegat.

**9.** Dan l-aggravju għalhekk jirriżulta fondat u qiegħed jiġi akkolt.

**10.** Tenut kont li dan l-aggravju qiegħed jiġi milqugħ u dan waħdu jwassal sabiex l-appellanti tiġi liberata mill-imputazzjoni kontra tagħha ma hux il-każ li din il-Qorti tidħol biex teżamina wkoll l-aggravji l-oħra.

Għall-motivi premessi l-appell tal-imputata Melissa Grima qiegħed jiġi akkolt u konsegwentement il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-appellanti minn kull imputazzjoni u piena.

(ft) Silvio Camilleri
Prim Imħallef

(ft) Silvana Grech
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur